

Paġna Ewlenija > Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji > Czechia

Taħriġ inizjali tal-avukati fl-Unjoni Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn
Iċ-Ċekja



Iċ-Ċekja

Deskrizzjoni ġenerali

It-taħriġ inizjali huwa offrut, jekk iva, huwa obbligatorju?

Iva, it-taħriġ inizjali għall-avukati trainees huwa obbligatorju.

It-taħriġ inizjali jiddistingwi bejn kategoriji ta' trainees?

L-Assoċjazzjoni tal-Kamra tal-Avukati Ċeka (CBA) torganizza biss taħriġ inizjali għall-avukati trainees irreġistrati fir-Reġistru tal-Avukati Trainees miżmum mis-CBA.

Liema entitajiet huma responsabbli għall-organizzazzjoni tat-taħriġ inizjali?

- Membru tal-Bord tad-Diretturi tas-CBA inkarigat mit-taħriġ ta' avukati u avukati trainees
- il-korp konsultattiv għall-Bord tad-Diretturi tas-CBA inkarigat mit-taħriġ
- dipartiment tas-CBA responsabbli għat-taħriġ ta' avukati u avukati trainees.

Il-korp konsultattiv iħejji l-kunċett ta' edukazzjoni u taħriġ ta' avukati u avukati trainees għall-Bord tad-Diretturi, jipproponi għall-approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi l-programmi ta' taħriġ annwali għall-avukati u l-avukati trainees fil-qafas tar-regolamenti legali u professjonali rilevanti u jipparteċipa fl-ottimizzazzjoni tas-sistema edukattiva fil-professjoni legali.

X'inhi l-bażi statutorja għat-taħriġ inizjali?

It-Taqsim 38 paragrafu 3 tal-Att Nru.: 85/1996 Coll., dwar il-Professjoni Legali, kif ġiet emendata.

Verżjoni bl-Ingliż: [ATT \(cak.cz\)](http://att.cak.cz)

Aċċess għat-taħriġ inizjali

Hemm kundizzjonijiet għall-aċċess għat-taħriġ?

Reġistrazzjoni ta' avukat trainee fir-Reġistru tal-Avukati trainees miżmum mis-CBA fi tmiem tal-kuntratt tax-xogħol ma' avukat (ditta legali).

X'inhi l-proċedura ewlenija ta' reklutaġġ? Jekk hija kompetittiva - min imexxiha?

Ma hemm l-ebda proċedura ta' reklutaġġ.

Hemm rotot ta' aċċess alternattivi għat-taħriġ?

-

Format u kontenut tat-taħriġ inizjali

X'inhuma t-tul u l-perjodi ta' żmien tat-taħriġ?

F'perjodu ta' Prattika ta' tliet snin, avukat trainee jattendi avvenimenti ta' taħriġ organizzati prinċipalment mis-CBA (il-perjodu ta' Prattika jista' jkun itwal).

Kull sena, l-avukat trainee jrid jattendi l-avvenimenti kollha ta' taħriġ obligatorju magħżula mis-CBA. L-avukat trainee jrid jattendi mill-inqas 3 ijiem ta' taħriġ fakultattiv, it-trainee jista' jagħżel liema avvenimenti ta' taħriġ fakultattivi jixtieq jattendi).

L-istruttura stipulata mir-regolament professjonali jeħtieġ li tiġi segwita - kull sena, l-avukat trainee jattendi avvenimenti ta' taħriġ obligatorji differenti.

Matul l-ewwel sena tal-Prattika, avukat trainee għandu jattendi seminar ta' dħul ta' jumejn.

Kif jiġi organizzat it-taħriġ?

Hemm biss Kamra tal-Avukati waħda fir-Repubblika Ċeka, għalhekk, hija ċentralizzata.

Min huma l-ħarrieġa?

ħarrieġa professjonali, professjonisti full-time (prinċipalment avukati) u esperti oħra.

X'inhum l-kontenut u l-oġettivi tat-taħriġ inizjali?

It-traineeship huwa magħmul minn 18-il seminar (seminars ta' nofstanhar - inqas minn 6 sigħat) dwar id-Dritt Privat u Pubbliku, il-Liġi Kriminali, il-Liġi Professjonali u l-ħiliet tal-Avukat 'i u seminar ta' dħul ta' jumejn.

Min ifassal il-programmi ta' taħriġ inizjali?

Il-korp konsultattiv għall-Bord tad-Diretturi tas-CBA inkarigat mit-taħriġ iħejji l-kunċett tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-avukati u l-avukati trainees għall-Bord tad-Diretturi, jipproponi lill-Bord tad-Diretturi għall-approvazzjoni l-programmi ta' taħriġ annwali għall-avukati u l-avukati trainees fil-qafas tar-regolamenti legali u professjonali rilevanti.

Liema metodoloġija tintuża għat-taħriġ?

Prinċipalment lekċers, taħriġ online fuq il-pjattaformi.

Liema elementi prattiċi tat-taħriġ huma applikabbli għat-trainees?

Huwa f'idejn il-ħarrieġ biex jiddeċiedi u jipprepara kompiti lill-avukati trainees matul l-avveniment ta' taħriġ.

Kif jiġu evalwati/ivvalutati t-trainees? Kemm-il darba u minn min?

Jiddependi mill-ħarrieġ kif l-avukati trainees jiġu evalwati fl-avveniment ta' taħriġ inkwistjoni, jekk titwettaq xi evalwazzjoni. L-evalwazzjoni tal-avukati trainees mhijiex obligatorja u bħala tali mhijiex imwettqa mis-CBA.

L-avukati trainees iridu jippreżentaw il-karta personali tagħhom għall-immarkar mill-ħarrieġ tal-avveniment ta' taħriġ li attendaw.

Din il-karta personali għandha tingħata lis-CBA qabel ma l-avukat trainee jkun irid ipoġġi għall-Eżami tal-Avukatura.

Hemm xi attivitajiet ta' taħriġ imwettqa flimkien ma' professjonisti legali oħra? Jekk iva: Kif jaħdem il-proċess?

Le.

X'inhuma l-ispeċifikitajiet rigward it-taħriġ fil-liġi tal-UE, it-taħriġ lingwistiku u l-komponenti Ewropej tat-taħriġ inizjali, pereżempju l-parteċipazzjoni f'attivitajiet tas-CCBE jew tal-ELF?

L-ebda

Kemm-il trainee huwa aċċettat għat-taħriġ? In-numru ta' trainees huwa aġġustat kull sena u minn min?

In-numru ta' avukati trainees irreġistrati fir-Reġistru tal-avukati trainees jinbidel kull sena.

Terminazzjoni tal-proċess ta' taħriġ u kwalifika inizjali

It-taħriġ inizjali jikkonkludi b'eżami finali? Kif jiġi organizzat? Min hu responsabbli għall-eżami?

Le.

Hemm proċedura oħra ta' reklutaġġ biex wieħed isir avukat mat-tlestija tat-taħriġ inizjali?

Le.

■ L-aħħar aġġornament: 25/06/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.